

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tal-21 ta' Ġunju 2013****li temenda d-Deċiżjoni 98/481/KE li tapprova l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew**

(2013/324/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkmandazzjoni BĊE/2013/9 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' April 2013 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew<sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew ser jintemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2012. Huwa għalhekk meħtieġ li jinhattru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2013.
- (3) Il-BĊE għażel lil Ernst & Young GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Ernst & Young GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft jinhattru bħala l-awdituri esterni tal-BĊE għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017.

(5) Huwa adatt li r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE tiġi segwita u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/481/KE<sup>(2)</sup> tiġi emdanta kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 98/41/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*

Ernst & Young GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-BĊE għas-snin finanzjarji 2013 sa 2017".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊE.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
M. NOONAN*

<sup>(1)</sup> ĠU C 122, 27.4.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 216, 4.8.1998, p. 7.